



Brussell, 31 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9873/23

LIMITE

AVIATION 113
RELEX 659
MA 6

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0141(NLE)**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9160/23 INIT + ADD1
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda u r-Renju tal-Marokk min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea - Adozzjoni

1. Il-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Renju tal-Marokk ġie ffirmat fit-12 ta' Diċembru 2006 b'applikazzjoni proviżorja u daħal fis-seħħ fid-19 ta' Marzu 2018.
2. Il-Ftehim ġie emendat bi Protokoll li japplika proviżorjament mill-iffirmar tiegħu fit-18 ta' Ġunju 2012 biex titqies l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Unjoni Ewropea.
3. Fit-8 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll biex titqies l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea.

4. Wara eżami mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni fil-25 ta' Mejju 2023, it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq u t-test tal-Protokoll ġew riveduti mis-servizzi tal-ġuristi-lingwisti tal-Kunsill.
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jeżamina l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument 9318/23 tal-ġuristi lingwisti u t-test tal-Protokoll kif jinsab fid-dokument 10152/23 tal-ġuristi lingwisti, u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni f'laqgħa li jmiss biex ikun jista' jiġi ffirmat il-Protokoll.
6. Il-Parlament Ewropew ser jiġi mgħarraf bl-adozzjoni f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE u d-Deċiżjoni ser tintbagħat lill-PE.
7. Id-Deċiżjoni ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
